MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Awwissu, 2012

Avviz Numru. 241/2012

**fl-Atti tal-Ittra Ufficjali Numru: 133/2012**

**John Grech u martu Denise Grech**
**vs**
**Michael Attard Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' John u martu Denise Grech li gie pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-20 ta' Lulju 2012 fejn talbu lil din il-Qorti:

*"Illi l-esponenti gew notifikati bl-ittra ufficjali tat-22 ta' Mejju, 2012 u cioe' fil-14 ta' Lulju 2012 u dan sabiex ihallsu s-somma ta' elf sebgha mija u tlieta Ewro u disgha u tmenin centezmu (€1,703.89) rapprezentanti import ta' hames (5) kambjali ffirmati minnhom liema kampjala skadew fil-29 ta' Jannar 2009, fit-28 ta' Frar 2009, fit-28 ta' Marzu 2009 u fit-28 ta' Mejju 2009 izda baqaw ma thallsux lis-socjeta' Michael Attard Limited li hija l-kreditrici taghkom fis-somma fuq indikata ta' elf sebgha mija u tlieta*

*Ewro u disgha u tmenin centezmu (€1,703.89) u dana oltre l-imghax mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala sad-data effettiva tal-pagament.*

*Illi peress din it-talba ghal hlas ta' dawn il-kambjali diga thallsu a saldu wara decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar Numru 267/2009 fl-isem '**Michael Attard Limited vs Grech John et**' u kif jirrizulta mill-istess kontro mandat ta' sekwestru 507/09 fl-ismijiet '**Michael Attard Limited vs John Grech et'** wara l-hrug ta' mandat ta' sekwestru 229/09. Illi ghalhekk din hija raguni gravissima u nuqqas serju mill-istess Socjeta' Michael Attard Limited, li din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna li ma trendix ezegwibbli t-titoli ezekuttivi tal-istess kambjali ai termini tal-Artikolu 253 (e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ispejjez doppji kontra l-istess Socjeta' Michael Attard Limited stante din il-procedura manifestament vessatorja."*

Rat ir-risposta tas-socjeta' Michael Attard Limited li giet prezentata fl-1 ta' Awissu 2012 fejn eccepiet s-segwenti:

*"Illi permezz tar-rikors promutur r-rikorrenti konjugi Grech qed jaghmlu tentattiv iehor sabiex jevitaw li jonoraw l-obbligi taghhom fil-konfront tal-kumpannija esponenti u dana billi ressqu rikors ai termini tal-proviso tal-artikolu 253 (e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi skond ir-rikorrenti l-ezekuzzjoni tal-kambjali mertu tal-ittra ufficjali kontestata ghandha tigi sospiza stante li skond huma dawn il-kambjali huma gia imhallsa;*

*Illi in sostenn tal-allegazzjoni taghhom r-rikorrenti jaghmlu riferenza ghad-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar bin-numru 267/2009 u kif ukoll ghal kontro mandat bin-numru 507/09, it-tnejn fl-ismijiet **Michael Attard Limited vs John Grech et.** Izda umilment jigi rilevat illi l-atti indikati mir-rikorrenti bin-numri hemm citati ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-vertenza odjerna u wisq anqas mal-partijiet odjerni u dana kif tisa facilment tivverifika dina l-Onorabbli Qorti.*

*Illi ghalhekk ma jistax jinghad illi r-rikorrenti ressqu xi raguni valida sabiex l-ezekuzzjoni tigi sospiza u dana stante li l-atti li skond huma jikkostitwixxu s-sisien tal-oppozizzjoni taghhom ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-partijiet odjerni !!*

*Illi jekk skond r-rikorrenti dawn l-atti huma l-prova tal-kontestazzjoni taghhom u dawn l-istess atti ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-kaz odjern, wiehed jista jasal ghal konkluzjoni tieghu !!*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat illi l-allegazzjoni li l-konjugi Grech hallsu l-kambjali in ezami ghas-saldu hija ghal kollox infondata, liema fatt gia gie spjegat bil-miktub lill-istess konjugi Grech izda ghal xi raguni qedin jirrifjutaw li jifmhu !!*

*Illi ghal beneficcju tar-rikorrenti ser terga tinghata spjegazzjoni tat-"transaction history" fir-rigward tal-kont tal-konjugi Grech;*

*Illi fl-14 ta' Mejju 2007 l-konjugi Grech iffirmaw 24 kambjala li kull wahda kellha import ta' €373.47 u dana ghal valur totali ta' €8963.28, u kontra dawn il-kambjali l-konjugi Grech ghamlu s-segwenti pagamenti:*

| | ***Data*** | ***Pagament*** |
|---|---|---|
| *1.* | *18.6.2007* | *€ 373.47* |
| *2.* | *9.10.2007* | *€ 1493.87* |
| *3.* | *27.11.2007* | *€ 373.47* |
| *4.* | *14.1.2008* | *€ 746* |
| *5.* | *27.3.2008* | *€ 746.94* |
| *6.* | *2.6.2008* | *€ 746.94* |
| *7.* | *17.2.2009* | *€ 746.94* |
| *8.* | *6.3.2009* | *€ 750* |
| *9.* | *25.6.2010* | *€ 1281.72* |
| *Total* | *€7259.35* | |

*Illi minn dan hawn fuq espost jirrizulta li r-rikorrenti ghadhom debituri tal-kumpannija esponenti fis-somma ta' €1703.93 rapprezentanti bilanc ta' import tal-kambjali imsemmija;*

*Illi ghandhu ukoll jigi rilevat illi fil-kalkoli hawn imsemmija ma hemmx inkluz l-imghax li akkumula ghal hlas tardiv tal-kambjali u konsegwentement jekk isir dan l-bilanc ser isir hafna akbar;*

*Illi inoltre fil-25 ta' Gunju 2010 l-konjugi Grech kienu hallsu s-somma ta' €926.28 rapprezetanti spejjes legali inkorsi sa dik id-data mill-kumpannija esponenti b'konsegwenza ta' varji proceduri gudizzjarji mehudha kontra l-konjugi Grech minhabba l-inadempjenza taghhom.*

*Illi minn dak hawn fuq espost huwa lampanti illi r-rikors tal-konjugi Grech huwa ghal kollox frivolu u vessatorju u intiz biss bhala skuza bil-ghan li l-konjugi Grech jinhelsu mill-obbligi taghhom fil-konfront tal-kumpannija esponenti.*

*Ghaldaqstant l-kumpannija Michael Attard Limited umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjes doppji kontra l-istess rikorrenti u dana bhala penali tali l-istess rikorrenti ghazlu li jadixxu lil dina l-Onorabbli Qorti b'talbiet vessatorji."*

Rat id-digriet taghha  fejn appuntat dan ir-rikors ghas-smiegh ghal nhar id-9 ta' Awwissu 2012 ghall-provi kollha.

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Awwissu 2012 xehdu ir-rikorrenti John Grech u Stefan Sacco ghan-nom tas-socjeta' intimata.

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrenti xehed u spjega kif huwa kien xtara vettura minghad is-socjeta' intimata, liema karozza kienet *second hand* u dan ghal prezz ta 'l fuq minn tlett elef lira Maltin (Lm 3,000).  Ir-rikorrenti jghid li ma hux cert ezatt mill-prezz tal-vettura pero' jiftakar li kien iffirma numru ta' kambjali. Mistoqsi kemm-il kambjala iffirma jghid li ma jiftakarx. Spjega illi kien hemm zmien meta kien regolari fil-hlas tal-pagamenti dovuti u kien hemm zmien meta ma hallasx, tant li spicca bi proceduri legali fil-konfront tieghu u kien biss wara li kien gie esegwit mandat fil-konfront

tieghu li huwa kien hallas dak li kien dovut. Huwa fil-fatt esebixxa kopja tal-mandati li gew esegwiti fil-konfront tieghu. Jghid ukoll li sahansitra fil-fehma tieghu, kien hallas dak kollu dovut u dan ghaliex wara li kien gie pprezentat mandat fil-konfront tieghu huwa kien hallas kollox u s-socjeta' intimata kienet ipprezentat kontro-mandat bil-kliem 'stante pagament ghas-saldu'. Mistoqsi jispjega kemm kien il-bilanc dovut jghid li ma jafx. Mistoqsi jispjega kemm il-kambjala hallas jghid li ma jiftakarx salv li qal li l-ahhar kambjali li huwa hallas kienu ghadhom f'idejn is-socjeta' intimata.

Illi a kuntrarju meta xehed Stefan Sacco, dan spjega fid-dettal u b'mod konciz dak kollu li gara bejn il-kontendenti tant li esebixxa transaction History sheet fejn spjega fid-dettal il-pagamenti kollha li kien ghamel ir-rikorrenti u spjega liema kambjali thalsu u liema ghadhom pendenti. Dan id-dokument li gie mmarkat bhala Dok Z juri li ghad hemm sitt kambjali li ghadhom ma thalsux li lkoll flimkien jammontaw ghal ammont ta' flus li s-socjeta' intimata qed tippretendi fl-Ittra Ufficcjali taghha esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok X. Ix-xhud kien konsistenti u car hafna f'dak li qal. Mistoqsi jekk kienx minnu li ghad ghandhom f'idejhom xi kambjali li gja gew imhalsa mir-rikorrenti, ix-xhud wiegeb li effettivament is-sitt kambjali li ghandhom ma thalsux mir-rikorrenti u lkoll ghadhom pendenti salv ghal parti zghira minn wahda minnhom. Qal ukoll li huwa kemm-il darba kkomunika mar-rikorrenti u spejgalu l-pendenzi telefonikament u sahansitra anke talbu jmur l-ufficcju sabiex ikelmu wicc imb'wicc izda dan nonostante ma marx ghandu.

Kunsiderazzjoni ulterjuri.

Illi l-procedura odjerna hija dik mahsuba fl-Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li hija procedura fejn min jinhareg kontrih att ezekuttiv jista' jipprezenta rikors lill-Qorti li tkun harget dik l-ittra ufficcjali u jitlob li l-istess ittra ufficcjali mgharfa bhala att ezekuttiv ai termini tal-Artikolu 253 (e) tal-Kap 12 jigi imhassar sew ghal kollox, jew parti minnu u dan ghar-raguni valida fil-Ligi.

Illi l-**Artikolu 281 tal-Kap. 12** jghid hekk:

"*281 (1) Minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra, persuna kontra min jinhareg att ezekuttiv jew xi persuna ohra interessata, tista' taghmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu rikors lil dik il-Qorti li tkun harget dak l-att fejn titlob li l-att ezekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f'parti minnu biss, ghal raguni valida skond il-ligi.*

*(2) Ir-rikors ghandu jigi notifikat lill-parti opposta li, fi zmien ghaxart ijiem, ghandha tipprezenta risposta li jkun fiha ssottomissjonijiet kollha li tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-risposta li tista' tipprezenta.*

*Izda l-Qorti tista', f'kazijiet urgenti, tirriduci l-perjodu msemmi f'dan is-subartikolu. Fin-nuqqas ta' din l-oppozizzjoni, il-Qorti ghandha tilqa' t-talba.*

*(3) Il-Qorti ghandha tiddeciedi dwar ir-rikors wara s-smiegh tal-partijiet, u kull xhieda li jidhrilha xierqa, jekk tahseb hekk, u dan mhux iktar tard minn perjodu ta' xahar mill-jum tal-prezentata*."

Il-Qorti hi tal-fehma illi l-ghan illi ghaliha ddahhlet id-disposizzjoni fil-Kodici ta' l-Procedura illi permezz taghha parti tista' titlob illi att ezekuttiv jithassar sew ghal kollox, jew f'parti minnu biss ghal raguni valida skond il-Ligi, huwa marbut ma xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu li bis-sahha tieghu l-intimat ezekutat ibaghti pregudizzju.

Minn dak li jirriżulta minn eżami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul tal-imsemmi Artikolu fil-Kodici permezz ta' Att XIV tas-sena 2006, il-Qorti ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu innifsu li, bis-sahha tieghu, l-istess att eżekuttiv ikun inhareg. (Ara, per eżempju, App. civ. **1.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet **<u>Briffa vs</u>**

**Stones Properties Ltd. noe** (Kollez. Vol: **LXXXIV.ii.1401**) u App. civ. **25.5.2001** fil-kawża flismijiet ***K.T.I. vs Serge*** (Kolleż. Vol: **LXXXV.ii.414**).

Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 281 jagħmluha cara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodici jew xi ligi oħra;

Illi l-ligi ma tgħidx x'tista' tkun "raguni valida skond il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in generali, jista' jingħad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inħareg minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. (Ara P.A. AJM **14.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet '**Josephine Spiteri vs Anthony Perry et'** (digriet interlokutorju).

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li hemm raguni valida ghaliex din il-Qorti ghandha tordna li t-titolu esekuttiv li ottjeniet is-socjeta' intimata u cioe' l-Ittra Ufficcjali Numru 133/2012 datata 22 ta' Mejju 2012, ma tigix reza ezekuttiva u dan ghaliex ir-rikorrenti ma ressaq l-ebda prova konkreta sabiex jikkonvinci lill-Qorti li hemm xi zball fil-hrug taghha. Semmai a bazi tal-allegat pretensjonijiet tieghu hemm proceduri ohra li semmai jistghu jigu intavolati izda zgur mhux dawk kontemplati ai termini tal-Artikolu 181(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez huma a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------